# Riħet ix-Xemgħa

John Caruana

Togħġobni r-riħa tax-xemgħa
għadha tintefa…

forsi għax tfakkarni fi mqades tfuliti
u s-sagristan wara l-altar
b'lasta u ftila
jkebbes xemgħat twal merfugħa fuq gandlieri,
u wara bl-istuta
jgħaġġel jitfihom
ħa jfittex jinġabar…

forsi għax tfakkarni fil-kappella ċkejkna
tal-Mużew
f'Ħal Lija,
f'xi jum irtir
żmien il-Milied,
u x-xemgħat mixgħula,
imbagħad mitfija
u l-arja tongħos b'riħithom…

jew forsi għax tfakkarni
fix-xemgħa li kienu jixegħlu
ommi u missieri

fuq xkaffa tal-ħġieġ,
quddiem xbihet il-Madonna,
u statwa tal-ġibs ta' qalb Ġesù,
li kien tani ħabibi…

u forsi għax tfakkarni
fix-xemgħat li npoġġu
fuq l-oqbra tal-għeżież tagħna.